MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru 939/2011

**IL-PULIZIJA**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**vs**
**MATTHEW SCHEMBRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Matthew Schembri ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, bin Saviour u Emanuela nee' Mifsud, imwieled Pieta nhar is-7 ta' Settembru, 1989 u li joqghod nru. 37, In-Nagli, Triq il-Kuncizzjoni, Zejtun, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 402089M, akkuzat:

1 Talli fit-13 ta' Novembru 2010, u/jew fiil-jiem u/jew ix-xhur ta' wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe' mobile phone tal-marka Samsung li jiswa inqas minn elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu

(€2329.37), liema mobile phone kien misruq, mehud b'qerq, jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghu jew sabiex imexxih;

2 Talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li ga nstab hati permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-11 ta' Gunju 2007, liema sentenza saret definittiva.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta' dan il-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-16 ta' Awissu 2011 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-istess;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-

kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dak l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reat li tieghu instab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------